# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 28 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 285/00**

**Numru 33**

**Martin u Phyllis mizzewgin Degabriele ghan-nom u in rappresentanza ta' Oasis Tours**

**vs**

**Emanuel u Rita Kristina mizzewgin Sciberras**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tmienja u erbghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm648.25) hlas ta' danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta' Novembru, 1999 fi Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha, meta l-konveuta Rita Kristina Sciberras investiet il-vettura tal-atturi bil-vettura taghha Subaru KT4 bin-numru ta' registrazzjoni IAT 702 liema kollizjoni sehhet previa d-dikjarazzjoni illi l-istess kollizjoni sehhet unikament minhabba imperizja, negligenza, u non osservanza tar-Regolamenti tat-Triffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar 2000 u bl-imghax legali sal-jum tal-pagament effettiv. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fl-14 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi fil-kwalita' taghhom premessa s-somma ta' Lm648.25,0 bl-imghax legali mill-11 ta' Jannar 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg

Avviz Nru 285/00 JAB